MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2015

Numru. 452/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Konrad Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Konrad Dimech u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 542673(M)

Akkużah talli f' Mejju 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda; b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn hames mitt (500) ewro, għad-detriment ta' Marija Stojanovi ID Card 42585A, Jan Turecek, Drissa Diarra ID Card 52828A, Abdulrahim Gibril ID Card 44856A, Alex Combert, Salem Atia ID Card 119994A, Mohamed Hasan Ali Al Bohali ID Card 127971A, Beleid Mohamed Khamis ID Card 127530A, Abdallah Dauda Jibo ID Card, Dejan Pejkovic ID Card 125694A, Laura Mastrangelo ID Card AA1426415, Chiara Caio ID Card 115164A, Reema Zaroug ID Card 150082, Khaled Mohamed Ibrahim Numru tal- Passaport 888043 u Warnier De Wailly Celine Marie Soazig ID Card 63020A, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' s-somma ta' aktar minn hames mitt (500) ewro, għad-detriment ta'Marija Stojanovi ID Card 42585A, Jan Turecek, Drissa Diarra ID Card 52828A, Abdulrahim Gibril ID Card 44856A, Alex Combert, Salem Atia ID Card 119994A, Mohamed Hasan Ali Al Bohali ID Card 127971A, Beleid Mohamed Khamis ID Card 127530A, Abdallah Dauda Jibo ID Card, Dejan Pejkovic ID Card 125694A, Laura Mastrangelo ID Card AA1426415, Chiara Caio ID Card 115164A, Reema Zaroug ID Card 150082, Khaled Mohamed Ibrahim Numru tal- Passaport 888043, Mohamad Alali Refcom Number 17969 u Warnier De Wailly Celine Marie Soazig ID Card 63020A, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 293, 294, 308, 309 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali ta’l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll d-dikjarazzjoni ta’l-imputat li huwa lest li jirrifondi lil kull wiehed mill-parte leza l-ammont lilhom mehud.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas l-ammont globali ta' erbghat elef u trmien mitt Euro (€4,800) lill-parte leza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------